# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tal-1 laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 5 ta' Mejju 2015 fis-6.00 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Giljan Aquilina |
| **Viċi Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |
| **Skużati** | |
| **Ambaxxatriċi Żagħżugħa** | Rebecca Chircop |

**01/01 Talba**

**01/01/01** Skont l-Artiklu 25 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokal, is-Sur Mario Gauci bħala l-aktar Kunsillier Anzjan, ippresieda l-laqgħa billi ntqalet it-talba.

**01/02 Ħatra tal-Kariga tas-Sindku**

**01/02/01** Iċ-Chairperson Mario Gauci beda billi awgura l-kunsillieri li ser jifformaw il-Kunsill il-gdid. Huwa nforma lill-Kunsill li s-Sindku għandu jkun dak il-Kunsillier li ġab l-ogħla għadd ta' voti mal-ewwel count minn fost il-kandidati tal-Partit politiku li kiseb il-maġġoranza ta' Kunsilliera fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali li saru fil-11 ta' April 2015.

**01/03 Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku**

**01/03/01** Iċ-Chairperson Mario Gauci staqsa lis-Sur Giljan Aquilina, bhala l-Kunsillier li ġab l-ogħla għadd ta' voti kif imsemmi fil-paragrafu 01/02/01, jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku ta' Ħal Għargħur.

**01/03/02** Is-Sur Giljan Aquilina ddikjara li hu qed jaċċetta l-kariga ta Sindku u ġie ppreżentat bl-insigna tal-lokal.

**01/04 Ħatra tal-Kariga ta' Viċi Sindku**

**01/04/01** Is-Sindku spjega li l-Viċi Sindku jkun dak il-Kunsillier li ġab it-tieni l-ogħla għadd ta' voti mal-ewwel count minn fost il-kandidati tal-Partit politiku li kiseb il-maġġoranza ta' Kunsilliera fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali li saru fil-11 ta' April 2015.

**01/05 Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Viċi Sindku**

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**01/05/01** Is-Sindku staqsa lis-Sur Mario Gauci, bħala l-Kunsillier li ġab it-tieni l-ogħla għadd ta' voti kif imsemmi fil-paragrafu 01/04/01, jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku ta' Ħal Għargħur.

**01/05/02** Is-Sur Mario Gauci ddikjara li hu qed jaċċetta din il-kariga ta' Viċi Sindku.

**01/06** **Kummenti**

**01/06/01** Is-Sur Giljan Aquilina beda billi rringrazzja lir-residenti kollha għal fiduċja li urew fih u fil-membri tal-Kunsill il-ġdid. Hu kompla billi rringrazzja lis-Sindku preċedenti, is-Sur Mario Gauci tal-ħidma tiegħu bħala Sindku ta' Ħal Għargħur għall-aħħar 22 sena. L-għajnuna tiegħu ser tkun apprezzata u bżonnjuża. Hu rringrazzja wkoll lis-Sur Alfred Muscat u Chev. Vincent A Galea tal-ħidma tagħhom fil-Kunsill preċedenti. Hu rringrazzja wkoll lis-Sur Karmenu Muscat li offra li jkun kandidat. Hu awgura għaqda u ħidma għall-ġid tar-residenti ta' Ħal Għargħur.

**01/06/02** Is-Sur Christopher Fenech feraħ lis-Sindku u lill-Kunsillier Carl Grech li ġew eletti għall-ewwel darba kif ukoll il-kumplament tal-membri tal-Kunsill. Hu rringrazzja lis-Sindku u lill-Viċi Sindku preċedenti għas-servizz li taw lill-lokal. Hu rringrazzja lis-Sur Alfred Muscat u Chev. Vincent A Galea kif ukoll lis-Sur Karmenu Muscat għall-kandidatura tiegħu.

**01/06/03** Is-Sur Mario Gauci rringrazzja lir-residenti u wiegħed l-appoġġ tiegħu lis-Sindku l-ġdid u lill-Kunsill il-ġdid. Hu ddikjara li x-xogħol li sar fil-passat mhux biss bil-ħidma tiegħu imma sar bil-ħidma tal-membri tal-Kunsill kollu. Hu rringrazzja lis-Sur Mark Azzopardi li għal ħafna żmien serva bħala l-Viċi sindku. Hu awgura għaqda fost il-Kunsilliera kif kien hemm fil-passat.

**01/06/04** Is-Sur Mark Azzopardi rringrazzja lis-Sindku preċedenti għas-servizz tiegħu. Hu kkummenta li l-Kunsill dejjem kien magħqud u jawgura lil-Kunsill il-ġdid ikompli fuq dawn il-passi għall-ġid tal-lokal.

**01/06/05** Is-Sur Carl Grech irringrazzja lir-residenti tal-fiduċja tagħhom, u innota element ġdid ta' żgħażagħ li ġew eletti. Hu kkumenta li għandna nħarsu 'l quddiem għall-ġid tal-lokal.

**01/07** **Assenjazzjoni tar-Responsabbiltajiet tal-Kunsilliera**

**01/07/01** Is-Sindku ddikjara r-responsabbiltajiet tal-Kunsilliera hekk kif ġej:

**01/07/02** Giljan Aquilina – Strateġija u Policy, Proġetti, Konsultazzjoni mar-residenti u għaqdiet, Patt tas-Sindki, Żgħażagħ, Ambjent u MEPA, Amministrazzjoni ta' Propjeta Devoluta.

**01/07/03** Mario Gauci – Finanzi, Kuntratti, Rappreżentant fuq il-Kumitat Reġjonali, Patt tal-Gżejjer, Bye-laws, Toroq u ordni pubblika.

**01/07/04** Christopher Fenech – Ġonna Pubbliċi, Servizzi, Immaniġġjar ta' Traffiku, Trasport Pubbliku u Kultura.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**01/07/05** Carl Grech – Qasam Soċjali u Familja, Anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali, Rappreżentant fuq il-LEAP Project, Immaniġġjar tal-iskart, Indafa u Latrina Pubblika, Saħħa u Sports.

**01/07/06** Mark Azzopardi – Relazzjonijiet Pubbliċi, E-government, Edukazzjoni, Programmi EU, Żvilupp infrastrutturali u Attivitajiet.

**01/08** **Aġġornament**

**01/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-6.25 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 12 ta' Mejju 2015 fis-6:00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Giljan Aquilina** | **Kurt Guillaumier** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |